

Brussell, 26 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

13626/17

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0304 (COD)

CODEC 1674
CORDROGUE 135
DROIPEN 144
JAI 960
SAN 372
PE 84

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: **ADOZZJONI TA' ATTI LEĠSLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pjeni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi, rigward id-definizzjoni ta' droga

- Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew
(Strasburgu, 23 sas-26 ta' Ottubru 2017)

I. VOT

Billi ma għet adottata l-ebda emenda, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjara l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bħala approvata.

It-test tar-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew huwa mehmuż ma' din in-nota.

II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, l-att inkwistjoni jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294 (7)(a) TFUE.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kunsill u s-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att inkwistjoni ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali* tal-Unjoni Ewropea.

P8_TA-PROV(2017)0391

Atti kriminali u ta' pjeni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi *II**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI biex id-definizzjoni ta' droga tinkludi sustanzi psikoattivi ġodda u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI (10537/1/2017 – C8-0325/2017 – 2013/0304(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (10537/1/2017 – C8-0325/2017),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni motivati preżentati, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, mill-House of Commons tar-Renju Unit u mill-House of Lords tar-Renju Unit, li jiddikjaraw li l-abbozz tal-att leġislattiv ma jikkonformax mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-21 ta' Jannar 2014¹,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari² dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2013)0618),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 69(f)(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67a tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0317/2017),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att mal-President tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill,

¹ ĠU C 177, 11.6.2014, p. 52.

² Test adottat, 17.4.2014, P7_TA(2014)0454.

jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.
